Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS-SITTA U ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 11 ta' Mejju 2011

**Ħin:** Mis-5.40pm sat-7.40pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (wasal fis-5.45pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg
**Skuzat:** Il-Kunsillier Trevor De Giorgio

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emjal bid-data tat-2 ta' Mejju 2011 li bagħat il-Kunsillier Trevor DeGiorgio fejn talab li jkun skuzat minħabba xogħol barra l-pajjiz.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 13 ta' April 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 13 ta' April 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-perit Fsadni ssottomettiet l-applikazzjoni lill-MEPA fir-rigward tar-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li kisbet kwotazzjoni waħda għal-armar ta' l-*iscaffolding* madwar l-istatwa li tammonta għas-somma ta' €896.80 (mehmuza) li tinkludi l-materjal u l-*windbreaker*. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni imma x-xogħol isir meta jinħareġ il-permess tal-MEPA għar-restawr.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-permess li kienet ħarġet l-ADT għat-tabella ta' *reserved parking* għal-Muzew peres li fl-aħħar laqgħa kienet intalbet tagħmel dan wara li fil-kawza tat-tribunali kontra l-Muzew tas-Subien kien ġie allegat mill-prosekutur li t-tabella ma kienitx koperta bil-permess ta' l-Awtoritajiet.

4. Il-Kunsillier G. Borg ippropona li tingħata għajnuna lill-iskola Primarja Lija/Balzan għall-*literary room* li ġie miftuħa. Il-Kunsill unanimament qabel li jagħti €100.00 sabiex jittejbu s-servizzi edukattivi peres li l-iskola tilqa fiha tfal minn Ħal Balzan.

**3. <u>Korrispondenza.</u>**

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn l-14 ta‘ April 2011 u l-11 ta’ Mejju 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tal-11 ta’ Mejju 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 507/11 u 496/11:** L-*Enforcement notices* tal-MEPA ġew innutati.

**Ittra Numru 506/11:** Il-permess ta’ Transport Malta biex titqiegħed tabella *No Entry* fi Triq it-Tabib Zammit kantuniera ma Triq il-Providenza ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li t-tabelli ġew ordnati u kif jaslu jiġu mwaħħla. Dwar il-kwistjoni ta’ tlett xhur li fih irid isir ix-xogħol għax jiskadi l-permess, il-Kunsill talab kjarifika jekk il-permess jiskadiex jekk ma jsirx ix-xogħol fi żmien tlett xhur jew jekk il-permess irid jerġa jintalab wara tlett xhur.

**Ittra Numru 505/11:** L-ittra ta’ ċaħda ta’ talba għal-permess minn Transport Malta biex titqiegħed tabella *No Entry* fi Triq it-Tabib Zammit kantuniera ma Triq San Frangisk ġiet innutata.

**Ittra Numru 504/11:** Il-permess ta’ Transport Malta biex titqiegħed *crash barrier* fi Triq il-Kbira quddiem is-Sala Aurora ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-*crash barrier* ġiet ordnata u kif tasal tiġi mwaħħla.

**Ittra Numru 499/11:** Il-permess ta’ Transport Malta biex titqiegħed *Communal Parking* for *blue sticker badge holders* fi Triq Idmejda bejn Triq San Valentinu u l-*Melita Gardens Restaurant* ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi t-tabella ġiet ordnata u kif tasal tiġi mwaħħla.

**Ittra Numru 498/11:** Il-permess ta’ Transport Malta biex jinżebgħu *double yellow lines* fi Triq Sigismondo Dimech mal-garaxx ta’ dar 14 “*Petals*” ġie innutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-ħaddiema tal-Kunsill ġew ordnati biex jagħmlu x-xogħol.

**Ittra Numru 497/11:** Il-permess ta’ Transport Malta biex jinżebgħu *double yellow lines* fi Triq Dun Spir Sammut ma garaxx numru 11 ġie innutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-ħaddiema tal-Kunsill ġew ordnati biex jagħmlu x-xogħol.

**Ittra Numru 490/11:** Talba mill-OASI biex ninnominaw żgħażugħ/a għal-premju Żgħazugħ tas-Sena. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tingħat l-applikazzjoni liċ-Ċentru taż-Żgħazagħ biex ikunu jistgħu jinnominaw lill xi ħadd. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-emajl diġa ġiet *forwarded* liċ-Ċentru taż-Żgħażagħ.

**Ittra Numru 486/11**: Talba mill-Kulleġġ Santa Tereża biex ngħinu fl-organizazzjoni ta’ ĠestFEST 2011. Il-Kunsill innota li ma jistax jagħti donazzjonijiet skond il-liġi.

**Ittra Numru 477/11:** Il-permess ta’ Transport Malta biex jinżebgħu *parking bays* fi Triq Guzè Bonnici kif tidħol fis-seħħ is-sistema ta’ transport ġdid fit-3 ta’ Lulju 2011 ġie innutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-ħaddiema tal-Kunsill ġew ordnati biex jagħmlu x-xogħol fit-fl-4 ta’ Lulju 2011.

**Ittra Numru 476/11:** Iċ-ċaħda tal-permess minn Transport Malta biex jinżebgħu *single white line* quddiem il-bieb ta' wara ta' Fra Guzeppe fi Triq Dun Spir Sammut ġie innutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-ħaddiema tal-Kunsill ġew ordnati biex ineħħu l-linja li kienet saret.

**Ittra Numru 473/11:** L-ittra mill-AKL biex tiġġedded l-*health insurance policy* ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li tiġġedded il-polza ta' l-assigurazzjoni.

**Ittra Numru 472/11:** L-emajl dwar $360^{O}$ *virtual tours* ser tiġi diskussa fl-laqgħa oħra fl-ambitu ta' l-applikazzjoni ERDF dwar il-proġett tal-pjazza.

**Ittra Numru 470/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar *Pedestrian Crossing ħdejn HSBC* fi Triq Idmejda ġiet innutata. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv titlob lill-perit jissottometti l-pjanta mitluba biex jinkiseb il-permess meħtieġ.

**Ittra Numru 463/11:** Il-petizzjoni tar-residenti ta' Triq Sisner biex Triq Sisner issir *one-way* dħul minn naha ta' Triq San Valentinu biss u li jinżebgħu *parking bays* fl-istess triq ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament approva t-talba u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikseb il-permess ta' Transport Malta.

**Ittra Numru 459/11:** L-ittra mill-WSC dwar ftehiem dwar bdil ta' *mains* u servizzi fil-pjazza u toroq li jmissu mal-pjazza fejn il-Kunsill irid iħallas il-parti tiegħu ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament approva li jħallas l-ispejjes li hemm peres li dawn iridu jsiru bilfors bħala parti mill-proġett ERDF fir-rigward tal-pjazza.

**Ittra Numru 458/11:** Memo 39/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Playing fields tal-Kunsilli Lokali b'Tagħmir li jista' jkun perikoluż ġiet innutata.

**Ittra Numru 452/11:** L-ittra mill-Malta Horticultual Society dwar The Great Spring Show ġiet innutata.

**Ittra Numru 448/11:** Il-permess ta' Transport Malta biex jinżebgħu 1m *double yellow lines* fi Triq Balaguer ma garaxx 26 "Edera" ġie innutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-ħaddiema tal-Kunsill ġew ordnati biex jagħmlu x-xogħol.

**Ittra Numru 442/11:** Memo 37/2011 dwar Template tal-iskeda tal-ħlasijiet ġiet innutata

**Ittra Numru 441/11:** Memo 36/2011 dwar Rapporti Pubbliċi fuq is-sit elettroniku *http://www.lc.gov.mt* ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi r-rapporti kollha tellgħet ħlief l-*audited accounts* peres li ma għandiex *scanner* u ma setgħetx itellaħħa.

**Ittra Numru 426/11:** Memo 35/2011 dwar Memos fuq *http://www.lc.gov.mt* ġiet innutata.

**Ittra Numru 425/11:** Memo 34/2011 dwar Monitoraġġ tal-Użu tas-Sistema tal-*Customer Care* ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill Kunsill illi din is-sistema ilha tintuża minn meta daħlet fis-seħħ.

**Ittra Numru 417/11:** L-ittra mill-Kumitat Konġunt dwar fondi li ngħatajna mill-*pooling*.

**4. Kommunikazzjoni tas-Sindku.**

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kellu laqgħa mas-Sur Bezzina dwar il-ktieb li behsiebu joħroġ dwar l-istorja ta' Ħal Balzan fejn spjegalu li qed jaħdem fuq il-ktieb dwar l-istorja ta' Ħal Balzan, liema ktieb ser jiġi ppublikat fi żmien qasir u kien qed joffri rata speċjali ta' €8.00 lill-Kunsill jekk il-Kunsill jixtri numru ta' kotba. Il-Kunsill unanimament qabel li jixtri 150 ktieb għal-użu tal-Kunsill.

2. Is-Sindku nnota li kellu talba minn residenta ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima biex tiġi rranġata t-triq fejn huwa spjeġala li t-triq kollha kellha bżonn tiġi rranġata u li din issir meta l-Kunsill ikollu flus biex jagħmilha.

**5. Approvazzjoni tar-Rapport SEAP.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-Rapport SEAP (mehmuz). Kopja ngħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuz). Il-Kunsill ser jiddiskuti r-rapport fil-laqgħa li jmiss peres li l-Kunsillier ma kellhomx ċans jistudjaw ir-rapport.

**6. Applikazzjonijiet dwar kjoskijiet li jarmaw fil-festa.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-*file* bl-applikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill minn persuni li jixtiequ jarmaw kjoskijiet fil-festa u skeda bid-dettalji ta' l-applikazzjonijiet li rċevejna (mehmuza). Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjonijiet kollha imma talab li jiġu kkonsultati l-Pulizija qabel ma joħorġu l-permessi sabiex jekk hemm xi kundizzjonijiet ġodda li jridu jagħmlu dawn jiġu inkorporati fil-permess.

**7. Rapport dwar l-ilmenti.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti pendenti li jġib id-data tal-11 ta' Mejju 2011 (mehmuz).

**Ilment Numru 17011026142460:** Talba biex isiru żewġ *parking bays* fi Triq it-Tabib Zammit kantuniera ma Triq San Frangisk. Il-Kunsill approva li napplikaw għal-*parking bay* waħda għax innota li tnejn ma joqgħodux minħabba li hemm garaxx fuq naha waħda u *stop markings* fuq in-naħa l-oħra.

**Ilment Numru 17011067143157:** Talba biex Triq Sisner issir *one-way* dħul minn naha ta' Triq San Valentinu biss u li jinżebgħu *parking bays* fl-istess triq. Il-Kunsill unanimament approva t-talba u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikseb il-permess ta' Transport Malta.

**Ilment Numru 17011079143791:** Talba biex issir *parking bay* fi Triq il-Papa Alessandru VII bejn il-grada ta' Casa Antonio u d-*double yellow lines*. Il-Kunsill innota li din ma tistax issir peres li hemmhekk hemm is-*service entrance* ta' Casa Antonia u din ma tistax tiġi ostakolata.

**8. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-11 ta' Mejju 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €15,465.76.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 9. Affarijiet Oħra.

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-ditta Wise Owl għamlet offerta ta' kotba (lista bil-prezzijiet mehmuza) biex flok il-Kunsill iħallas €400, iħallas biss €200. Il-Kunsill unanimament qabel li jaċċetta l-offerta u behsiebu jaqsam il-kotba bejn il-libreriji taż-żewġ skejjel, Stella Maris u l-iskola Primarja Lija-Balzan-Iklin biex jinkuraġixxi l-qari fost l-istudenti.

2. Il-Kunsillier G. Borg innota li l-Kunsill irid jagħti €150 lill-iskola Stella Maris tal-parteċipazzjoni tagħhom waqt l-attivita' Festa Frott u dan skond il-ftehiem li kien sar magħhom waqt id-diskussjonijiet ta' kordinazzjoni. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir dan il-ħlas għas-servizz li ngħata.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-istima li ngħatat minn Island Insurance Brokers Ltd għat-tiġdid tal-polza ta' l-assigurazzjoni tal-Kunsill għal-sena mill-1 ta' Mejju 2011.

   Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi biex il-Kunsill ikun kopert għax-xahar ta' Mejju 2011 talbet li jiġi estiz il-ftehiem tas-sena l-oħra, b'xahar sabiex il-Kunsill ikollu ċans jiddeċiedi.

   Il-Kunsill innota li l-kumment fil-*Management Letter* li kien għamel l-awditur meta kien qed jara l-*accounts* għas-sena 2010, li l-membri ma jkunux koperti fuq bazi ta' 24 siegħa *worldwide* tfisser tnaqqis ta' €88 biss mill-kont, għaldaqstant il-Kunsill ma jarax li dan it-tnaqqis huwa sinifikanti meta tqis li jekk membru jiġrilu xi ħaġa meta ma jkunx fuq xogħol tal-Kunsill barra minn Malta, il-Kunsill imbad jiffaċċja l-impatt tan-nuqqas ta' servizz tal-membru. Il-Kunsill unanimament qabel li jkun kopert fuq bazi ta' 24hrs *worldwide* biex ikun kopert għal-dan ir-riskju.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 1 ta' Ġunju 2011 fil-5.30pm.

____________________
**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

____________________
**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

____________________
Data